C/2024/1810

29.2.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/1810)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Grignan-les-Adhémar"

PDO-FR-A0929-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 7.12.2023

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Żona ġeografika u Żona fil-viċinanza immedjata**

Il-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Grignan-Lès-Adhémar ġie ssupplimentat mingħajr tibdil fl-ewwel punt - "Żona ġeografika" u fit-tielet punt - "Żona fil-viċinanza immedjata" tat-taqsima IV - "Żoni u postijiet li fihom jitwettqu operazzjonijiet differenti" sabiex tiġi miżjuda r-referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2023.

Din l-emenda fil-formulazzjoni tagħmilha possibbli li ż-żona ġeografika tiġi identifikata skont il-verżjoni fis-seħħ fl-2023 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE u li tiġi kkonfermata legalment id-demarkazzjoni taż-żona ġeografika.

Din ir-referenza ġiet miżjuda mad-Dokument Uniku taħt il-punti "Żona ġeografika" u "Rekwiżiti addizzjonali - żona fil-viċinanza immedjata".

2. **Żona tal-irqajja' tar-raba' demarkata**

Il-punt 2 – "Żona tal-irqajja' tar-raba' demarkata" tat-taqsima IV - "Żoni u postijiet li fihom jitwettqu operazzjonijiet differenti" - tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Grignan-Lès-Adhémar ġie ssupplimentat mingħajr tibdil biex tiġi rranġata d-data tal-approvazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti tad-demarkazzjoni tal-irqajja' tar-raba' fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni. Id-demarkazzjoni tal-irqajja' tar-raba' tikkonsisti fl-identifikazzjoni ta' dawk l-irqajja' ta' raba' fiż-żona ġeografika tal-produzzjoni li huma tajbin għall-produzzjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta kkonċernata. Iż-żona ġeografika ma nbidlitx.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

3. **Miżuri tranżizzjonali**

It-taqsima XI tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. "Miżuri tranżizzjonali" – ġiet issupplimentata biex tiżdied miżura tranżizzjonali wara r-reviżjoni tad-demarkazzjoni tal-irqajja' tar-raba' sabiex l-operaturi ta' rqajja' mħawla qabel id-data ta' reviżjoni u eskluži miż-żona tal-irqajja' tar-raba' demarkata, jibbenefikaw mid-dritt għad-denominazzjoni sa mhux aktar tard mill-ħsad tal-2053 inkluż, sakemm jissodisfaw id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

4. **Referenza għall-istruttura ta' kontroll**

It-Taqsima II. – "Referenzi għall-istruttura ta' kontroll" tal-Kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġiet emendata biex jingħad li l-ispezzjoni tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott issir taħt l-awtorità tal-INAO skont pjan ta' spezzjoni approvat.

Din l-ispeċifikazzjoni ma taffettwax id-Dokument Uniku.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Grignan-les-Adhémar

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Deskrizzjoni organolettiċi

DESKRIZZJONI QASIRA

L-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Grignan-les-Adhémar huma nbejjed bla gass li jistgħu jkunu ħomor, rożè jew bojod. Il-qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum hija ta' 12 % għall-inbejjed ħomor u 11,5 % għall-inbejjed bojod u rożè.

Wara l-fermentazzjoni, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju) li ma jaqbiżx dan li ġej:

— Inbejjed bojod u rożè: 4 g/l

— Inbejjed ħomor b'qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' 14 % jew inqas: 3 g/l

— Inbejjed ħomor b'qawwa alkoħolika naturali skont il-volum ta' aktar minn 14 %: 4 g/l

Fl-istadju tal-ippakkjar, l-inbejjed ikollhom kontenut ta' aċidu volatili ekwivalenti għal, jew inqas minn:

— 18,37-il milliekwivalenti għal kull litru għall-inbejjed ħomor; - 14,28-il milliekwivalenti għal kull litru għall-inbejjed bojod u rożè.

— Fl-istadju tal-ippakkjar, l-inbejjed ħomor ikollhom:

indiċi tal-polifenoli totali (OD 280 nm) ta' 40 jew aktar;

intensità tal-kulur modifikata (OD 420 nm + OD 520 nm + OD 620 nm) ta' aktar minn 5;

kontenut massimu ta' aċidu maliku ta' 0,4 grammi għal kull litru.

Wara l-arrikkiment l-inbejjed ma jaqbżux qawwa alkoħolika totali skont il-volum ta' 13 %.

Il-kriterji analitiċi l-oħra jikkonformaw mal-valuri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. Karatteristiċi organolettiċi

DESKRIZZJONI QASIRA

Il-karatteristiċi sensorji ta' dawn il-prodotti kollha jorbtuhom mal-familja kbira tal-inbejjed tal-Wied tar-Rhône, sakemm ikun hemm ħamrija u varjetajiet ta' dwieli simili.

Madankollu, l-inbejjed ħomor jispikkaw, b'mod partikolari minħabba l-użu tal-varjetà Grenache N, li, mħawla f'dan il-post fil-limitu tal-maturità tagħha, tagħti finezza, togħma ta' frott eleganti u korporatura lill-inbid. Il-varjetà Syrah N tikkompleta t-taħlita, u tiżgura struttura tannika, kulur qawwi u aromi eleganti ta' fjuri u ta' pjanti. Dawn l-inbejjed ħomor jistgħu jiġu kkunsmati qabel ma jitqaddmu u għandhom potenzjal ta' tqaddim eċċellenti bis-saħħa tas-sehem pjuttost kbir tal-varjetà Syrah N użat f'din id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata mill-vinji tan-Nofsinhar tal-Wied tar-Rhône.

Magħmula jew bl-għasir jew bil-metodu saignée (tneħħija ta' ftit mill-meraq tal-għeneb), l-inbejjed rożè għandhom togħma ta' frott u huma eleganti u l-kulur tagħhom huwa minn roża ċar sa aħmar ċar. Huma notevolment friski u rotob fil-ħalq u huma ddominati minn aromi ta' frott aħmar.

L-inbejjed bojod huma magħmula minn taħlita ta' varjetajiet ta' dwieli tan-Nofsinhar bħall-varjetajiet Bourboulenc B, Grenache B u Clairette B) ma' dawk li jinsabu aktar fit-Tramuntana bħall-Marsanne B, ir-Roussanne B jew il-Viognier B). Din il-firxa ta' varjetajiet tippermetti diversi kombinazzjonijiet u tipproduċi nbejjed bojod xotti li jiżviluppaw kumplessità aromatika kbira (ta' fjuri, frott, minerali eċċ.) u aċidità fil-ħalq li hija dejjem ibbilanċjata mill-korporatura tal-inbid.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1) Prattika tal-kultivazzjoni

Densità tat-tħawwil

— Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 000 pjanta għal kull ettaru. Id-distanza bejn il-flanni ma tridx tkun aktar minn 2,50 m.

Id-distanza bejn il-pjanti fl-istess flann trid tkun mill-inqas metru u ma tridx tkun aktar minn 1,50 metru.

Regoli taż-żbir.

Dispożizzjonijiet ġenerali:

— Id-dwieli jinżabru b'żabra qasira (f'forma ta' sġajra jew bil-metodu tal-cordon de Royat), b'massimu ta' 12-il għajn għal kull pjanta;

— Matul il-perjodu meħtieġ biex jifforma l-cordon Royat, li huwa limitat għal sentejn, jista' jżir żbir Guyot.

— Għall-irqajja' mħawla wara l-1 ta' Awwissu 2022, l-għoli tal-cordon ma jistax jaqbeż is-70 cm.

Dispożizzjonijiet speċjali:

— Il-varjetajiet Viognier B u Syrah N jistgħu wkoll jinżabru bil-metodu Guyot sempliċi, b'massimu ta' 10 għejun fuq iz-zokk it-twil u b'massimu ta' żewġ għejun fuq ir-rimja.

Regoli dwar it-tħarriġ mal-kannizzati

Id-dwieli tal-varjetajiet Marsanne B, Marselan N, Roussanne B, Syrah N u Viognier B iridu jiġu mħarrġa b'mill-inqas fil ta' appoġġ wieħed u ringiela waħda ta' fili tal-faxxina (metodu ta' tħarriġ tad-dwieli: pożizzjonament tan-nebbieta).

It-tisqija tista' tiġi awtorizzata.

2) Prattika enoloġika speċifika

— It-tekniki ta' arrikkiment bit-tnaqqis huma awtorizzati għall-inbejjed ħomor sa livell ta' konċentrazzjoni ta' 10 %;

— Biex jipproduċu l-inbejjed rożè, il-produtturi tal-inbid jistgħu jużaw faħam għall-użu enoloġiku, waħdu jew imħallat fi preparazzjonijiet, iżda biss fuq most tat-tagħsir u fi proporzjon li ma jistax jaqbeż l-20 % tal-volum totali tal-inbid prodott mill-operatur ikkonċernat, għall-ħsad inkwistjoni;

Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, l-inbejjed iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-livell tal-UE kif ukoll fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu f'dak li għandu x'jaqsam mal-prattiki enoloġiċi użati.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

58 ettolitru għal kull ettaru

6. **Żona geografika demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département ta' Drôme abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2023:

Allan, La Baume-de-Transit, Chamaret, Chantemerle-lès-Grignan, Châteauneuf-du-Rhône, Clansayes, Colonzelle, Donzère, La Garde-Adhémar, Les Granges-Gontardes, Grignan, Malataverne, Montségur-sur-Lauzon, Réauville, Roche-Saint-Secret-Béconne, Roussas, Saint-Paul-Trois-Châteaux, Saint-Restitut, Salles-sous-Bois, Solérieux, Valaurie.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Bourboulenc B - Doucillon blanc

Carignan N

Cinsaut N - Cinsault

Clairette B

Grenache N

Grenache blanc B

Marsanne B

Marselan N

Mourvèdre N - Monastrell

Roussanne B

Syrah N - Shiraz

Viognier B

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Fatturi naturali u umani rilevanti għar-rabta*

Deskrizzjoni tal-fatturi naturali li jikkontribwixxu għar-rabta

Iż-żona ġeografika tad-denominazzjoni Grignan-les-Adhémar tinsab fil-qalba tad-Drôme Provençale, li hija żona ta' tranżizzjoni u intersezzjoni bejn id-Dauphiné attwali u l-Comtat, il-Massif Central u l-Prealpi. Tinsab fuq ix-xatt tax-xellug tar-Rhône, fin-Nofsinhar ta' Montélimar u fit-Tramuntana ta' Bollène, fid-département ta' Drôme u tkopri t-territorju ta' 21 muniċipalità li jinsabu bejn ir-Rhône fil-Punent u l-Enclave des Papes fil-Lvant. Il-pajsaġġ fih żoni kemm ċatti kif ukoll bl-għoljiet, b'altitudni moderata b'medja ta' 200 metru.

Is-substrat taż-żona ġeografika kollha jikkonsisti prinċipalment minn formazzjonijiet mill-Mijoċene Nofsani. Fil-Lvant (il-muniċipalitajiet ta' Grignan u Colonzelle), dawn huma ramel bil-lom u formazzjonijiet tal-melassa tal-lom imsejħa "Molasses de Grignan". Fiċ-ċentru, dawn id-depożiti Elvetiċi jinbidlu fir-ramel safrani u l-blat ramli ("Saffres") ta' Valréas. Joffru ħamrija ħafifa u ramlija b'fond li jvarja u b'ammont baxx ta' riżervi minerali.

Fin-Nofsinhar, il-muniċipalità ta' La Baume-de-Transit hija ddefinita mill-art imtarrġa ta' Würm b'ħamrija tat-tafal, ġir u ġeblija depożitata mix-xmara Aygues, filwaqt li fil-Punent hemm l-art imtarrġa tax-xmajjar iffurmati mir-Rhône.

Fit-Tramuntana, l-għoljiet tal-ġebel tal-ġir li jdawru l-Wied tar-Rhône huma miksija b'art imtarrġa tax-xmajjar eqdem u parzjalment miksija bi bċejjeċ tal-ġebel tal-ġir minn dawn l-għoljiet. Dawn it-territorji b'ħamrija fqira u skarsa kienu d-dominju tal-arbuxelli (Bois des Mattes). Fi żminijiet riċenti, jiġifieri fis-sittinijiet, ġew imħawla bil-vinji.

Il-klima ġenerali tar-reġjun toħloq fruntiera. Ġeneralment hija Mediterranja, iżda bil-mod il-mod tibda ssir inqas hekk lejn it-Tramuntana tar-reġjun, li jikkoinċidi mal-limitu fit-Tramuntana għat-tkabbir taż-żebbuġ u tal-varjetà tad-dwieli Grenache N.

Ix-xita tinżel b'mod irregolari. Il-medja annwali tvarja bejn 700 mm u 1 000 mm.

It-temperaturi huma moderati, b'medja annwali ta' madwar 13-il °C u b'ammont sinifikanti ta' xemx (madwar 2 500 siegħa fis-sena). Il-frekwenza tar-riħ (speċjalment il-Mistral) iżżid mal-aridità tal-għoljiet li spiss jintużaw għall-vinji.

Il-klima hija wkoll ikkaratterizzata minn influwenzi kontinentali, minħabba sensiela ta' għoljiet li jimblukkaw il-Wied tar-Rhône li jwasslu għal xtiewi aktar ħorox.

It-tħawwil tal-vinji f'din il-fruntiera klimatika jirriżulta f'sitwazzjonijiet lokali kuntrastanti, skont il-kundizzjonijiet tal-altitudni u topografiċi.

Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta

Fost il-bosta fdalijiet Rumani li jagħtu prova tal-preżenza tal-vinji u l-inbejjed f'dan ir-reġjun, is-sejba fl-1983 ta' azjenda kbira tal-inbid fil-muniċipalità ta' Donzère, fil-qalba tat-territorju, hija bla dubju komponent ewlieni tal-istorja prestiġjuża tal-vinji lokali.

Sa mill-oriġini antika tagħhom dawn il-vinji baqgħu jiffjorixxu. Fl-1850, l-erja totali tagħhom laħqet l-2 500 ettaru. Madankollu, bħal vinji Franċiżi oħra, intlaqtu bl-ikrah mill-kriżi tal-phylloxera tal-1885. Minkejja li relattivament intilef l-interess fil-vinji, grupp żgħir ta' produtturi tal-inbid dinamiku u leali għat-tradizzjoni tal-produzzjoni tal-inbid tar-reġjun, baqgħu jistinkaw biex jipproduċu nbejjed ta' kwalità.

Għal dan il-għan, huma ressqu talba lill-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u l-Kwalità, fl-1962, biex l-inbejjed tar-reġjun jiġu rikonoxxuti b'denominazzjoni ta' oriġini "vin délimité de qualité supérieure" (inbid demarkat ta' kwalità superjuri): Coteaux du Tricastin.

Din it-talba ntlaqgħet uffiċjalment bid-Digriet tat-13 ta' Marzu 1964, li stipula r-rekwiżiti tal-produzzjoni.

Għaxar snin wara, il-produtturi tal-inbid irfinaw il-varjetajiet tad-dwieli tagħhom skont il-kundizzjonijiet lokali tal-produzzjoni tal-inbid, u adattaw u tejbu t-tekniki tal-produzzjoni tagħhom. Huma kisbu r-rikonoxximent permezz ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata fis-27 ta' Lulju 1973.

Is-snin sebgħin raw nifs ġdid mogħti lill-vinji u żieda mgħaġġla fil-produzzjoni, li minn 53 000 ettolitru fl-1976 telgħet għal 78 000 ettolitru fl-1983.

Il-bidla fl-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata minn Coteaux du Tricastin għal Grignan-les-Adhémar kienet ilha mistennija mill-produtturi tal-inbid u saret uffiċjali, b'digriet, fis-16 ta' Novembru 2010.

Fl-2010, il-vinji kienu mifruxa fuq 2 600 ettaru u pproduċew medja ta' 55 000 ettolitru mqassma bejn madwar 40 kantina indipendenti u 12-il kantina kooperattiva. L-inbejjed tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata Grignan-les-Adhémar huma disponibbli fit-tliet kuluri, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-inbid prodott huwa aħmar, li kien jammonta għal madwar 75 % tal-volum totali fl-2008.

Il-pjantaġġuni riċenti qed iżidu gradwalment il-produzzjoni tal-inbid abjad xott, li kien jammonta għal 7 % tal-volum totali tal-inbid prodott fl-2008.

8.2. *Interazzjonijiet kawżali*

Bejn ir-reġjuni tad-Dauphiné u Provence, fuq ix-xatt tax-xellug tar-Rhône, hemm vinja li tibbenefika mill-influwenzi Mediterranji tar-reġjun Drôme Provençale. Din il-vinja tinkludi varjetajiet ħafna drabi tan-Nofsinhar, imħawla fil-limiti tal-maturità tagħhom u li jesprimu oriġinalità partikolari assoċjata maż-żoni magħżula mill-prodotturi tal-inbid, li jippreferu altitudnijiet medji u l-uċuħ l-aktar xemxija biex iħawlu l-vinji tagħhom fihom.

Hemm evidenza tal-oriġini qadima ta' din il-vinja u, fuq kollox, tal-eżistenza ta' għarfien espert fil-produzzjoni tal-inbid li jmur lura għal qabel il-konkwista Rumana tal-Gallja, bis-saħħa tas-sejba ta' waħda mill-eqdem vilel li kienet tipproduċi l-inbid fid-dinja ta' żmien il-qedem.

Dan l-għarfien espert ġie mgħoddi minn ġenerazzjoni għal oħra tul l-istorja madwar ir-reġjun Tricastin kollu, u ġenerazzjonijiet sħaħ ta' produtturi tal-inbid kienu kapaċi jżommu l-vinji tagħhom minkejja theddid serju. Dan kien jinkludi l-phylloxera, li xprunat il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet ta' produtturi tal-inbid li tgħallmu jistipulaw regoli komuni li jippermettu l-iżvilupp ta' nbejjed ta' kwalità.

Il-progress ta' din il-kollaborazzjoni kien ikkaratterizzat mir-rikonoxximent sussegwenti ta' dawn l-inbejjed lokali bid-denominazzjoni ta' oriġini "vin délimité de qualité supérieure" (inbid delimitat ta' kwalità ogħla), segwit mid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata Coteaux du Tricastin, fi żmien meta d-domanda setgħet tiġġustifika ħafna aktar faċilment żieda fil-produzzjoni aktar milli l-għoti ta' prijorità lill-kwalità tal-inbid lokali.

L-inbejjed kollha huma magħmulin minn għeneb maħsud minn irqajja' tal-art magħżula bir-reqqa u taħlitiet ta' bosta varjetajiet, imħawla fuq irqajja' tal-art b'ħamrija fqira li ħafna drabi tkun sħuna u bi skular tajjeb. Dawn il-fatturi jagħtu lill-inbejjed ħomor il-karatteristiċi uniċi tagħhom. Dawn huma rotob, b'togħma ta' frott, iżda robusti filwaqt li l-inbejjed bojod xotti, li huma tipiċi tan-Nofsinhar, għandhom firxa wiesgħa ta' aromi; l-inbejjed rożè huma bħall-ħomor: rotob u b'togħma ta' frott.

Il-kwalità u r-reputazzjoni ta' dawn l-inbejjed ilha stabbilita għal żmien twil, minkejja li l-identità tagħhom inbidlet maż-żmien, billi kienu msemmijin jew għal muniċipalità partikolari jew għar-reġjun.

Fl-2010, kif il-produtturi tal-inbid kienu ilhom jittamaw għal bosta snin, l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata nbidel għal Grignan-les-Adhémar, u b'hekk l-attenzjoni reġgħet tpoġġiet fuq il-qalba ġeografika tar-reġjun u l-inbejjed fil-muniċipalità ta' Grignan, li l-istorja tagħha hija marbuta mal-familja Adhémar de Grignan. Fil-fatt, François de Castellane Adhémar, konti ta' Grignan u gvernatur ta' Provence fis-seklu 17 li żżewweġ bint Madame de Sévigné fl-1669, għen jissoda r-rabta bejn l-isem ta' familtu u dak tal-muniċipalità ta' Grignan.

Fl-1781, Faujas de Saint-Fonds kiteb fl-Histoire naturelle de la province de Dauphiné (L-Istorja Naturali tar-Reġjun tad-Dauphiné) dwar inbejjed ta' reputazzjoni kbira magħrufa bħala "inbejjed ta' Donzère", li kienu jiġu prodotti fil-muniċipalità li ġġib dak l-isem: "id-distretti l-aktar rinomati huma dawk ta' Roussettes, Suel, Figerasse u Javelin, li jkopru diversi ġnub ta' għoljiet, twal madwar nofs lega, imħawla f'ħamrija b'ammont abbundanti ta' ġebel u ċagħaq". U iżjed 'il quddiem: "Il-pjanura ta' Grès... ukoll tipproduċi nbejjed tajbin, bħalma jagħmlu d-distretti ta' Opplilias, Borillon u Lerminas, fejn l-inbid irid jitħallat ma' dak ta' Grès". Saħansitra iżjed 'il quddiem, il-qarrej jitgħallem li dawn l-inbejjed diġà kienu rinomati u jitgawdew barra miż-żona ġeografika, u xi drabi ferm 'il bogħod minnha: "L-inbejjed ta' Donzère jiġu esportati lejn Pariġi, Lyon, Grenoble, Velay u Vivarais; jistgħu jifilħu għal vjaġġ bil-baħar; intbagħtu lejn Kostantinopli b'suċċess kbir". Fl-istess xogħol, l-awtur jikkunsidra li l-varjetajiet tad-dwieli mħawla dak iż-żmien (Clairette, Picardan, Rosani) "joħolqu nbid abjad delizzjuż".

Fl-1896, avviż dwar il-vinja ta' Château-Bizard, li tinsab f'Allan, ikklassifika l-inbejjed mill-muniċipalitajiet ta' Allan, Roussas u La Garde-Adhémar bħala ugwali għall-inbejjed l-oħra li jingħad li huma mill-"Côte du Rhône". L-inbejjed mill-muniċipalità ta' Allan jissemmew ukoll fit-topografija tal-vinji Franċiżi ta' Jullien (1822). L-awtur jikklassifikahom eżatt wara l-"Ermitage" u l-"Côte-Rôtie". Fil-paġna 811 tat-"Traité de viticulture" (Trattat dwar il-Vitikultura) (1895) ta' G. Foex, l-awtur isemmi l-vinja ta' Allan u jqabbel l-inbid tagħha ma' dak ta' Châteauneuf-du-Pape.

Il-muniċipalità ta' Grignan, li hija l-qalba ġeografika tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata u tiġi ċċitata spiss fl-istorja tal-vinja, reġgħet kisbet il-fama tagħha tal-produzzjoni tal-inbid bis-saħħa tal-isforzi kwalitattivi mill-produtturi tal-inbid. Dan huwa rifless fil-ħafna avvenimenti li jsiru hemmhekk u fil-ftuħ tal-fabbrika tal-inbejjed fi Grignan-les-Adhémar."

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata ddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni u l-produzzjoni ta' nbejjed, hija magħmula mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2023.

— Id-département ta' Ardèche: Alba-la-Romaine, Aubignas, Bidon, Bourg-Saint-Andéol, Gras, Larnas, Ruoms, Saint-Just-d'Ardèche, Saint-Marcel-d'Ardèche, Saint-Martin-d'Ardèche, Saint-Montan, Saint-Remèze, Saint-Thomé, Le Teil, Valvignières, Viviers.

— Id-département ta' Drôme: Aleyrac, Arpavon, Aubres, La Bégude-de-Mazenc, Bouchet, Châteauneuf-de-Bordette, Condorcet, Curnier, Dieulefit, Espeluche, Eyroles, Eyzahut, Mirabel-aux-Baronnies, Montaulieu, Montboucher-sur-Jabron, Montbrison-sur-Lez, Montélimar, Montjoux, Montjoyer, Nyons, Le Pègue, Piégon, Pierrelatte, Les Pilles, Le Poët-Laval, Pont-de-Barret, Portes-en-Valdaine, Puygiron, Rochebaudin, Rochefort-en-Valdaine, Rochegude, Rousset-les-Vignes, Saint-Ferréol-Trente-Pas, Saint-Gervais-sur-Roubion, Sainte-Jalle, Saint-Maurice-sur-Eygues, Saint-Pantaléon-les-Vignes, Salettes, Souspierre, Suze-la-Rousse, Taulignan, Teyssières, La Touche, Tulette, Valouse, Venterol, Vesc, Vinsobres.

— Id-département ta' Gard: Pont-Saint-Esprit, Saint-Paulet-de-Caisson.

— Id-département ta' Vaucluse: Bollène, Buisson, Cairanne, Entrechaux, Faucon, Gigondas, Grillon, Lagarde-Paréol, Lamotte-du-Rhône, Lapalud, Mondragon, Mornas, Puyméras, Rasteau, Richerenches, Roaix, Sablet, Saint-Marcellin-lès-Vaison, Saint-Romain-en-Viennois, Saint-Roman-de-Malegarde, Sainte-Cécile-les-Vignes, Séguret, Travaillan, Vacqueyras, Vaison-la-Romaine, Valréas, Villedieu, Violès, Visan.

Tikkettar

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

It-tikketti tal-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jistgħu jispeċifikaw l-unità ġeografika usa' "Vignobles de la Vallée du Rhône", skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-ftehim iffirmat bejn l-entitajiet differenti tal-protezzjoni u tal-ġestjoni kkonċernati.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-f57bb70c-e0a8-44c0-bc75-3aeca81c658d